**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 4 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 5**

**Avviz Nru: 351/02AE**

**Goldvest Company Limited**

**Vs**

**Rayward sive Ray Said f'ismu Proprju u ghal Incoming Travel Bureau**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf tlett mija u erbgha u disghajn lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,394.75), li jirraprezenta l-ghoti ta' servizzi moghtija lill-konvenut kif jirrizulta mill-istatement ezebit ma' l-avviz tat-talba (fol. 3 tal-process).

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jikkontesta  il-kawza u milli jidher ghas-seduti tas-26 ta' Marzu 2002 u tal-lum.

Semgha lill-avukat Dr. Anna Evellina Barbara in rapprezentanza tas-socjeta attrici, tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu sal-lum kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' elf tlett mija u erbgha u disghajn lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm1,394.75), bl-imghax mid-data  tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Awissu 2000 u fin-nuqqas mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**